KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel, 14.7.2004
KUMM(2004) 469 finali

2004/0150 (COD)

Abbozz tad-

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li twaqqaf il-Programm Kultura 2007 (2007-2013)

(ippreżentat mill-Kummissjoni)

{SEC(2004) 954}

## LISTA TAR-RAĠUNIJIET

# 1. INTRODUZZJONI : MFAKKAR IL-KUNTEST

## 1.1 Bażi ġuridika

L-Artikolu 151 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea jifforma l-bażi ġuridika addattata għall-attività komunitarja fejn tidħol il-kultura.

Dan l-Artikolu jinsisti fuq il-ħtieġa li jkunu rrispettati żewġ ideat fondamentali : minn naħa, id-diversità kulturali b'rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà u min-naħa l-oħra, t-turija ta' valur tal-wirt kulturali pubbliku u tal-koperazzjoni bejn l-iStati Membri. Għalhekk, hemm bżonn li l-kooperazzjoni kulturali bejn l-iStati Membri tiġi nkoraġġita waqt li tkompli bl-attività tagħhom.

## 1.2 Tħaddim ta' l-Artikolu 151

Għab-bażi ta' dan l-Artikolu, żewġ serje ewlenin ta' programmi ġew adottati : l-ewwel il-programmi settorjali, Kaléidoscope, Ariane et Raphaël[1], bejn l-1993 u l-1999, imbagħad programm b'qafas uniku, Kultura 2000[2], adottat fi Frar 2000. Dawn il-programmi kollha ppruvaw jinkoraġġixxu l-ħolqien u l-mobilità ta' l-artisti, l-aċċess ta' l-ikbar numru għall-kultura, għat-tixrid ta' l-arti u tal-kultura, għad-djalogu interkulturali u t-tagħrif ta' l-istorja tal-popli Ewropej.

Bl-istess mod, l-Unjoni Ewropea tappoġġja wkoll xi organizazzjonijiet u xbieki ta' koperazzjoni kulturali li jaħdmu għall-integrazzjoni tal-kontinent tagħna u l-bidu ta' soċjetà ċivili Ewropea[3] u tagħti sehemha biex tiżgura l-protezzjoni u l-kommemorazzjoni ta' siti u arkivji prinċipali li jkollhom rabta ma' l-eżilji politiċi[4]

Fl-aħħar l-Unjoni Ewropea tinnomina kull sena, sa mill-1985 'l hawn, waħda jew bosta Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura, u li eventwalment hi tagħti lilhom għajnuna finanzjarja[5].

---

1 Ara rispettivament id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 719/96/KE (ĠU L 99 ta' l-20.4.1996), 2085/97/KE (ĠU L 291 ta' l-24.10.1997), 2228/97/KE (ĠU L 305 tat-8.11.1997).

2 Ara d-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 508/2000/KE (ĠU L 63 ta' l-10.3.2000) u 626/2004/KE (ĠU L 99 tat-3.4.2000).

3 Ara l-aktar r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Novembru 1991 dwar ix-xbieki kulturali Ewropej (ĠU C 314 tal-5.12.191).

4 Deċiżjoni nru.792/2004/CE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L138 tat-30.04.2004).

5 Għall-ewwel maħsuba bħala inizjattiva intergovernamentali, din l-espressjoni saret azzjoni komunitarja biex ngħidu hekk, bid-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 166 ta' l-.1.7.1999).

## 2. IL-PRINĊIPJI TAL-PROGRAMM IL-ĠDID

### 2.1 Xogħol importanti ta' analiżi u ta' prospettiva

Sabiex ikun ippreparat programm ġdid, u sabiex ikun hemm bilanċ ta' l-azzjonijiet meħuda fil-qasam tal-koperazzjoni kulturali, saru xi evalwazzjonijiet dwar l-attivitajiet u l-programmi komunitarji fil-qasam tal-kultura[6]. Ma' dawn l-evalwazzjonijiet żdiedu wkoll ħafna kontribuzzjonijiet li huma ġejjin mis-settur kulturali kif ukoll l-esperjenza meħuda mill-Kummissjoni fit-twettiq tal-programmi kulturali tagħha.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni mexxiet eżerċizzju vast ta' riflessjoni prospettiva. B'mod speċjali hi organizzat Forum dwar il-koperazzjoni kulturali[7], qabbdet grupp ta' esperti għal riflessjoni dwar il-programm kulturali[8] tal-futur u organizzat konsultazzjoni pubblika[9]. Barra minn hekk hi organizzat jew assistiet għal seminars dwar temi transversali jew settorjali u ordnat li jsiru studji differenti dwar suġġetti li jittrattaw il-koperazzjoni kulturali[10].

Fl-aħħar, fi żmien meta kienet qed tifformula l-proposta tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll ix-xogħlijiet tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni[11].

### 2.2 Ir-riżultati prinċipali

Fuq kollox dan l-eżerċizzju wiesa' wera kemm l-attività kulturali ta' l-Unjoni Ewropea hi leġittima u f'waqtha.

Madankollu dan sab ukoll xi numru ta' difetti, li l-programm il-ġdid jaħseb biex isewwi.

#### 2.2.1 Dwar l-attività kulturali Ewropea

L-attività komunitarja llum hi wisq maqsuma. Mal-programm ta' qafas « Kultura 2000 » jeżistu prinċipalment żewġ attivitajiiet komunitarji kbar : l-għajnuna lill-organizzazzjonijiet ta' interess kulturali Ewropew u l-manifestazzjoni tal-« Bliet Kapitali Ewropej ta' Kultura ». Ir-rabta tagħhom ma' dan il-programm hi wisq batuta, kważi ineżistenti. Dan it-tixrid fi tliet attivitajiet jagħmel ħsara lid-dehra tal-Komunità maċ-ċittadini tagħha li ma jkunux jafu l-kobor ta' l-isforzi li ttieħdu għall-priżervazzjoni u t-tixrid tal-kulturi tagħhom u l-

---

6 Evalwazzjoni ex post tal-programmi kulturali tal-passat Kaléidoscope, Ariane et Raphaël, evalwazzjoni nofs triq ta' Kultura 2000, evalwazzjoni ta' l-organizazzjonijiet ta' interess kulturali Ewropew.

7 Forum tal-21-22 Novembru 2001 dwar il-koperazzjoni kulturali fl-Ewropa.

8 F'dan il-qafas, il-grupp ta' esperti pproduċa f'Ġunju 2003 rapport bl-isem « Towards a new cultural framework programme of the European Union ».

9 Konsultazzjoni pubblika dwar il-programm kulturali Ewropew tal-futur li saret bejn April u Lulju 2003 fuq l-Internet.

10 Studju dwar l-esplojtazzjoni u l-iżvilupp tal-potenzjal tax-xogħol fis-settur kulturali fil-perjodu tan-numerizazzjoni (Ġunju 2001), studju dwar il-mobilità u l-moviment ħieles tan-nies u tal-produzzjonijiet fis-settur kulturali Ewropew (april 2002), studji ta' l-Ewrobarometru dwar is-sehem kulturali fl-Unjoni Ewropea (April 2002), « feasibility study » dwar il-ħolqien ta' osservatorju Ewropew ta' koperazzjoni kulturali (Awissu 2003), rapport dwar l-istat ta' koperazzjoni kulturali fl-Ewropa (Ottubru 2003).

11 Ara l-aktar ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU C 162 tas-6.7.2002) u tad-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU C 13 tat-18.1.2003), ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Settembru 2001 (ĠU C 72 tal-21.3.2002), tat-28 ta' Frar 2002 (ĠU C 293 E tat-28.11.2002) u tal-21 ta' Ottubru 2002 (ĠU C 300 tat-11.12.2003), kif ukoll l-avviż tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2003 dwar il-prolungament tal-programm Kultura 2000.

konsiderazzjoni tad-dimensjoni kulturali fil-bini Ewropew u fuq kollox jagħmel il-koerenza ta' kollox flimkien aktar prekarja.

2.2.2 Dwar il-programm Kultura 2000

Il-programm Kultura 2000 isegwi numru wisq għoli ta' għanijiet meta tikkunsidra l-mezzi finanzjarji limitati li għandu għall-użu tiegħu. Dan jagħmel ħsara għall-effikaċità tiegħu u għaċ-« ċarezza » billi l-pjanijiet megħjuna, li huma ħafna u varji, jistgħu jagħtu sens ta' tixrid.

Barra minn hekk, is-separazzjoni bejn id-dixxiplini kulturali differenti fi ħdan il-Kultura 2000 issemmiet bħala forza restrinġenti għall-operaturi, għax ma tippermettix li tittieħed konsiderazzjoni biżżejjed tar-realtà li qed tinbidel tas-settur u għalhekk hemm is-sogru li xi forom ta' espressjonijiet kulturali jkunu esklużi.

2.2.3 Dwar ix-xorta ta' attivitajiet megħjuna

Xi attivitajiet ma humiex ikkunsidrati mill-programm kulturali komunitarju. B'hekk, għajnuna vera lill-attivitajiet ta' riflessjoni dwar il-mezzi u dak kollu li toffri l-koperazzjoni kulturali fl-Ewropa attwalment tfalli .

## 3. Programm tat-tielet Ġenerazzjoni

### 3.1 Viżjoni globali

L-għan ġenerali ta' l-attività komunitarja hu t-twettiq ta' spazju kulturali komuni bl-iżvilupp tal-koperazzjoni kulturali fl-Ewropa. Din l-azzjoni b'hekk ser tkun tagħti sehem attiv fl-iżvilupp ta' identità Ewropea sa mill-qiegħ.

Kif uriet il-Kummissjoni f'Komunikat ta' dan l-aħħar[12], « hu bla dubju ta' xejn li l-attivitajiet kollha mmexxija mill-Unjoni fil-qasam tal-kultura huma definittivament indirizzati liċ-ċittadini Ewropej. Madankollu, l-istituzzjonijiet jeħtieġu xi intermedjarji biex jilħqu lil dawn iċ-ċittadini u jipproponu attivitajiet kulturali ta' kwalità li jkollhom dimensjoni Ewropea. » Dawn l-intermedjarji huma t-teatri, il-mużewijiet, l-għaqdiet professjonali, iċ-ċentri ta' riċerka, l-universitajiet, l-istituti kulturali, l-awtoritajiet pubbliċi, eċċ.

12 « Iċ-ċittadinanza f'azzjoni : jkunu megħjuna l-kultura u d-diversità Ewropej bil-programmi fejn jidħlu ż-żgħożija, il-kultura, l-awdjoviżiv u s-sehem ċiviku. » COM (2004) 154 finali.

Joħroġ mir-riċerki li diġà ssemmew li jaqbel li jitnaqqas in-numru ta' għanijiet u, f'din il-perspettiva, li jiġu kkunsidrati favorevolment it-tliet linji importanti li ġejjin, li kienu s-suġġett ta' konsensus wiesa'[13] : l-għajnuna għall-mobilità transnazzjonali tal-persuni li jkunu qed jaħdmu fis-settur kulturali, l-għajnuna għaċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet u l-prodotti artistiċi u kulturali u fl-aħħar l-għajnuna għad-djalogu interkulturali. Jaqbel li jingħataw aktar okkażjonijiet lill-operaturi kulturali, u għalhekk liċ-ċittadini, sabiex joħolqu xbieki ta' xogħol, itemmu xi proġetti, jkun hemm aktar ċaqliq jew ukoll jiffavorixxu d-djalogu kulturali fl-Ewropa u f'reġjuni oħra tad-dinja. Il-proġetti megħjuna mill-programm għandhom ikollhom firxa biżżejjed u għandhom ikattru l-valur massimu possibbli fuq livell Ewropew ; kull proġett għalhekk għandu jsegwi mill-inqas tnejn minn dawn l-għanijiet.

Mqabbel maż-żewġ serje prinċipali ta' programmi ta' l-attività kulturali, il-programm propost jitlob għodda koerenti, globali u kompluta favur il-koperazzjoni kulturali u multilaterali fl-Ewropa, kapaċi li jaqbad il-kumplessità tagħha kollha. Infatti, dan il-programm jaħseb għal tliet livelli ta' intervent, li kull wieħed jindirizza lit-tliet strati differenti u kumplimentari tal-koperazzjoni kulturali u jikkorrispondu għalhekk għall-ħtiġiet distinti, imma interdipendenti. Hu hawn fejn tinsab l-innovazzjoni ewlenija ta' dan i-programm : viżjoni globali, li taqbad is-settur kulturali fit-totalità tiegħu u tiffavorixxi s-sinerġiji.

Ma' kull livell ta' intervent tikkorrispondi taqsima.

L-ewwel taqsima tikkonsisti f'għajnuna finanzjarja diretta lil dawn il-proġetti ta' koperazzjoni fit-tul, esploratorji jew « speċjali »[14]. Hi essenzjali sakemm tagħti sehem għad-dinamiżmu ta' l-attività kulturali b'dimensjoni Ewropea u titwettaq permezz ta' azzjonijiet viżibbli għaċ-ċittadin Ewropew kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra t-territorju tal-pajjiżi li jkunu qed jieħdu sehem fil-programm. Din it-taqsima tħalli wkoll lill-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-firxa kulturali tagħha fuq skala internazzjonali billi tiffavorixxi l-abbundanza ta' proġetti fuq l-art.

Din l-attività madankollu għandha tintemm b'intervent aktar strutturali favur il-koperazzjoni, li tmur aktar lil hinn mill-metodu bi proġetti. Hu għalhekk li t-tieni taqsima taħseb biex tintegra totalment il-programm ta' attività komunitarja għall-promozzjoni ta' organizazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura ; l-aktar hi kwistjoni li tingħata għajnuna ta' twettiq lill-organizzazzjonijet Ewropej li jaħdmu b'mod fit-tul favur il-koperazzjoni kulturali jew għandhom ir-rwol ta' « ambaxxaturi » tal-kultura Ewropea u li jkunu akkwistaw fehma esperta f'dan il-qasam[15].

Din l-għajnuna pluriannwali għandha tippermetti lill-organizazzjonijiet sabiex jipproduċu benefiċċji mill-esperjenza tagħhom u biex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom. Ikun jaqbel

---

[13] Ara barra minn hekk ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2002 (ĠU C 032 tal-05.02.2002), ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU C13 tat-18.01.2003, p 5), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2002 (ĠU C 300 E, p 156), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2003, il-Konklużjonijiet tal-Forum dwar il-koperazzjoni kulturali, ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jew ukoll ir-rapport tal-grupp ta' esperti ta' Ġunju 2003.

[14] Fl-avviż tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2003, il-Kumitat tar-Reġjuni joħroġ favur il-promozzjoni ta' attivitajiet kulturali ta' natura lokali u ta' livell għoli kulturali. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni nofs triq dwar il-programm Kultura 2000 kif ukoll l-evalwazzjoni tal-programmi kulturali ta' qabel, huma wkoll urew li dan il-metodu meħud bi proġetti hu f'postu u koerenti.

[15] Fir-Riżoluzzjoni tagħha ta' l-14 ta' Novembru 1991 (ĠU C 314 tal-5.12.1991), il-Kunsill saħaq fuq ir-rwol importanti tax-xbieki ta' xogħol ta' l-organizzazzjonijiet kulturali fil-koperazzjoni kulturali fl-Ewropa.

ukoll, f'interess ta' kontinwità mal-programm ta' għajnuna lill-organizzazzjonijiet, li tingħata għajnuna lill-attivitajiet li jimmiraw biex jipproteġu u biex jikkomemmoraw is-siti u l-arkivji prinċipali li għandhom rabta ma' l-eżilji politiċi.

Fl-aħħar, it-tielet taqsima timmira li tagħti għajnuna għal xi attivitajiet ta' analiżi u informazzjoni, sabiex toħloq ambjent favorevoli għall-koperazzjoni. Fih tliet attivitajiet kumplimentari, li « jduru » mal-koperazzjoni kulturali fuq livelli differenti. L-ewwel waħda tfittex li tiffavorixxi l-produzzjoni ta' għodod kunċettwali waqt li tgħin fit-twettiq ta' studji u ta' xogħlijiet ta' analiżi dwar il-koperazzjoni kulturali, u li dan ser jgħin għal għarfien aħjar ta' dan il-fenomenu. It-tieni waħda għandha l-għan li tneħħi xi ostakoli li jikkonċernaw il-koperazzjoni, permezz ta' l-iżvilupp ta' għodda fuq l-Internet għal bdil ta' informazzjoni u ta' prattiċi tajbin[16]. It-tielet waħda taħseb għall-għajnuna f'« punti ta' kuntatt għall-kultura », sabiex tiżgura tixrid immirat, effikaċi u qrib tas-sitwazzjoni u ta' l-informazzjoni reali fuq il-programm il-ġdid.

Kull waħda mill-attivitajiet għandha tittieħed mir-realtà tat-tliet għanijiet speċifiċi.

### 3.2 L-għanijiet speċifiċi tal-programm il-ġdid

L-għanijiet speċifiċi msemmija hawn taħt jippreżentaw valur ieħor reali Ewropew. Dan ifisser li wieħed ikun ġustifikat kompletament meta jsegwi dawn l-għanijiet b'attivitajiet komunitarji sakemm dawn għandhom mnejn ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'attività nazzjonali[17]. Il-proġetti u l-attivitajiet miżmuma sabiex jibbenefikaw minn għajnuna komunitarja għandhom kollha jikkorrispondu għallinqas għal tnejn minnhom.

3.2.1 Għajnuna għall-mobilità transnazzjonali tal-persuni li jkunu qed jaħdmu fis-settur kulturali

L-informazzjoni għad-disposizzjoni tan-nies professjonali dwar id-disposizzjonijiet soċjali, regolamentari u fiskali u li jkunu applikabbli fi żmien ta' viżita qasira jew twila f'pajjiż ieħor, għadha ħafna drabi wisq parzjali. Sabiex tiffavorixxi l-mobilità ta' dawn in-nies professjonali, jidher għalhekk li hu indispensabbli li jibdew jitwettqu xbieki ta' xogħol, li għandna mmorru f'sens ta' koordinazzjoni akbar kif ukoll li għandna nippromwovu t-tixrid tat-tagħrif u ta' l-informazzjoni.

Żewġ tipi ta' mobilità ser ikunu nkoraġġuti b'attività komunitarja fil-qasam kulturali : il-mobilità għall-għoti ta' servizzi kulturali (eż : vjaġġi) jew amministrazzjoni u l-mobilità bil-għan li jitgħallmu u jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' kulturi oħra jew prattiċi artistiċi, u li jbiddlu xi esperjenzi.

---

[16] Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2002 (ĠU C 032 tal-05.02.2002 pġ 1), il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-iStati Membri biex « jippromwovu l-użu ta' xbieki ta' xogħol eżistenti jew li għandhom mnejn jinħolqu fil-futur fl-iStati Membri sabiex iħeffu l-koperazzjoni kif ukoll sabiex jibdlu l-informazzjoni u l-prattiċi tajbin fuq livell Ewropew » u sabiex « jiffavorixxu li jitpoġġew f'xibka ta' xogħol is-sorsi ta' informazzjoni kulturali mmirati li jagħtu aċċess liċ-ċittadini kollha għall-kontenuti kulturali Ewropej permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-iżjed avvanzati, l-aktar billi jkomplu jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-portal elettroniku Ewropew mibdi mill-Kummissjoni u billi jpoġġu dan il-portal f'rabta mal-kontenuti kulturali u diġitali li jeżistu fl-iStati Membri ». B'hekk, il-« feasibility study » dwar il-ħolqien ta' osservatorju ta' koperazzjoni kulturali wera wkoll il-ħtieġa li tkun organizzata l-massa ta' informazzjoni li tkun għall-użu ta' l-operaturi kulturali b'numru kbir ta' xbieki ta' xogħol u ta' siti ta' l-Internet.

[17] Riżoluzzjoni diġà msemmija tad-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU C 13 tat-18 ta' Jannar 2003, p. 5).

3.2.2 Inkoraġġuta ċ-ċirkulazzjoni transnazzjonali ta' l-oġġetti ta' l-arti u prodotti artistiċi u kulturali

Li tiċċirkola oġġetti ta' l-arti, materjali jew le, u prodotti artistiċi u kulturali lil hinn mill-fruntieri nazzjonali ġġib magħha spejjeż żejda għall-organizzatur : spejjeż tat-trasport, spejjeż ta' l-assigurazzjoni, spejjeż ta' prospetti ta' swieq ġodda, sforzi żejda ta' riklamar sabiex isiru magħrufa xogħlijiet jew artisti li l-fama tagħhom barra minn xtuthom tkun forsi inqas, investiment fil-ħin sabiex ikun magħruf is-suq ta' fejn qed jintlaqa' (strutturi ta' merħba, formalitajiet regolamentari u amministrattivi, eċċ.). Issa, dan il-għan jikkorrispondi ma' dawk tat-Trattat (Artikoli 3q u 151) u jirreaġixxi għal xi missjonijiet komunitarji bażiċi (finalizzazzjoni tas-suq intern u tisħiħ ta' l-integrazzjoni Ewropea bis-saħħa tat-twettiq ta' spazju kulturali komuni)

3.2.3 Favur id-djalogu interkulturali

Bħala bdil ibbażat fuq il-ftuħ u l-ugwaljanza bejn il-kulturi, id-djalogu interkulturali jwassal għal tkabbir miż-żewġ naħat u għar-riċerka komuni ta' valuri u interpretazzjonijiet mħallta bejn xulxin. Hu jista' jkollu wkoll rwol fondamentali l-aktar għall-integrazzjoni ta' Ewropej ġodda li ħarġu minn kulturi diversi.

## 3.3 Il-mezzi

3.3.1 Mezz ġdid aktar miftuħ

Il-progamm il-ġdid hu aktar miftuħ sakemm hu jinqata' mil-linja settorjali li jieħu (b'dixxiplini artistiċi u kulturali). L-operaturi ser ikunu liberi li jipproponu l-proġetti li jikkorrispondu ma' l-interessi u ma' l-aspirazzjonijiet tagħhom, kemm jekk dawn ikunu settorjali jew transsettorjali, sakemm dawn jimmiraw mill-inqas għal tnejn mill-għanijiet imsemmija hawn fuq. L-ebda parti mill-attività kulturali u artistika m'hi ser tkun għalhekk eskluża a priori.

L-azzjoni kulturali komunitarja trid tinfetaħ għal varjetà kbira ta' parteċipanti, billi tmur l-aktar mill-amministrazzjonijiet għax-xbieki ta' xogħol, mill-assoċjazzjonijiet kulturali għall-intrapriżi tas-settur kulturali u trid tħalli forom ta' koperazzjoni b'ħafna karatteristiċi varji.

Fl-aħħar, il-programm għandu l-għan li jkun aktar miftuħ għall-parteċipanti li ġejjin mill-pajjiżi terzi, partikolarment mill-pajjiżi koperti mill-politika ġdida tal-madwar, u li jgħin biex isaħħaħ proġetti li jkunu għaddejjin barra mill-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li b'hekk ikun qed jagħti sehmu fit-tixrid.

3.3.2 Metodu ġdid aktar komplut

Il-programm il-ġdid hu aktar komplut sakemm jintegra fl-istess metodu finanzjarju l-aspetti differenti tal-koperazzjoni kulturali. Hu jiżviluppa tliet taqsimiet kbar ta' attività.

3.3.2.1 L-ewwel taqsima : għajnuna għal xi attivitajiet kulturali

Hu jaħseb għal għajnuna diretta għal xi proġetti Ewropej ta' koperazzjoni, li jvarjaw fit-tul ta' żmien u fl-estensjoni tagħhom, u li jimmiraw għallinqas għal tnejn mill-għanijiet speċifiċi msemmija hawn fuq. Iż-żewġ « gruppi prinċipali ta' koperazzjoni » jsostnu l-karatteristika dejjiema ta' koperazzjoni. Kull naħa tiġbor operaturi minn wieħed jew bosta setturi madwar attivitajiet diversi jew proġetti pluriannwali, ta' natura settorjali jew transettorjali, imma li jkollhom għanijiet komuni. L-« attivitajiet ta' koperazzjoni » jimmiraw lejn il-kreattività u l-innovazzjoni u jiftħu t-triq għal koperazzjonijiet ġodda, li f'xi każjiet jistgħu jitkomplew fi ħdan il-gruppi prinċipali ta' koperazzjoni. Għal tul ta' żmien massimu ta' sena, huma jgħaqqdu operaturi Ewropej f'attivitajiet ta' natura settorjali jew transettorjali. L-« attivitajiet speċjali », fl-aħħar, ikunu karatterizzati min-natura tagħhom « emblematika » u federali. Peress li dawn l-attivitajiet huma ta' dimensjoni u ta' firxa importanti, dawn għandhom ikollhom eku sinjifikattiv mal-popli ta' l-Ewropa u għandhom jagħtu sehem għal għarfien aħjar biex kulħadd iħoss ruħu wieħed mill-istess komunità, kif ukoll iħossu d-diversità kulturali ta' l-iStati Membri u d-djalogu interkulturali u internazzjonali. Fost l-« attivitajiet speċjali », jidhru l-aktar il-« Bliet Kapitali Ewropej ta' Kultura », li tagħhom hemm bżonn li tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea.

3.3.2.2 It-tieni taqsima : għajnuna għal xi organizzazzjonijiet Ewropej li jkunu attivi fil-qasam kulturali

Lil hinn mill-għajnuna diretta għal xi proġetti ta' koperazzjoni, ikun jaqbel li tinġieb għajnuna għat-tħaddim lil xi organizazzjonijiet li jkunu jaħdmu favur il-koperazzjoni kulturali jew li jkollhom ir-rwol ta' « ambaxxaturi » tal-kultura Ewropea. Il-programm il-ġdid jaħseb biex jintegra l-għajnuna għal dawn l-organizzazzjonijiet sabiex ikabbar il-koerenza ta' l-attività komunitarja.

Jidħlu wkoll f'dan il-qafas l-attivitajiet li ġew megħjuna bil-ħsieb li jipproteġu u jfakkru s-siti u l-arkivji prinċipali li jkollhom rabta ma' dawn l-eżilji politiċi li jissimbolizzaw il-memorjal mtella' fuq is-siti ta' dawn il-kampijiet tal-passat u postijiet oħra ta' martirju u ta' qtil ta' ħafna nies ċivili kif ukoll sabiex tinżamm it-tifkira tal-vittmi fuq dawn is-siti.

3.3.2.3 It-tielet taqsima : għajnuna għal xi xogħlijiet ta' analiżi kif ukoll għall-ġbir u t-tixrid ta' l-informazzjoni fil-qasam tal-koperazzjoni kulturali

Hu fondamentali li jsir użu minn informazzjoni u minn « databases » innumerati dwar il-bidliet fil-koperazzjoni kulturali fuq skala ta' l-Ewropa, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-mobilità ta' l-atturi, iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet ta' l-arti u d-djalogu interkulturali. Dan ser jippermetti li jitkabbar l-għarfien tal-fenomenu tal-koperazzjoni u li jinħoloq spazju favorevoli għall-iżvilupp tiegħu.

Barra minn hekk, il-programm jaħseb biex jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' għodda ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni li taħdem fuq l-Internet, immirat għall-ħtiġiet tan-nies professjonali fil-qasam tal-koperazzjoni.

Fl-aħħar, sabiex tkun żgurata firxa mmirata, effikaċi u qrib tas-sitwazzjoni u ta' l-informazzjoni prattika dwar il-programm, dan jipprevedi l-għajnuna għal « punti ta' kuntatt kultura ». Dawn l-organi, li jaħdmu fuq livell nazzjonali, huma mwaqqfa b'kollaborazzjoni ma' l-iStati Membri u fuq bażi volontarja.

## 3.4. Lejn programm b'użu aktar ħafif

Fil-komunikati tagħha msemmija hawn fuq ta' l-10 ta' Frar 2004 u tad-9 ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni seħqet fuq l-importanza li tieħu vantaġġ mir-reviżjoni tal-mezzi ġuridiċi sabiex tħeffef b'mod sensibbli l-idea u t-twettiq tal-mezzi komunitarji u sabiex tiġġustifika kemm jista' possibbli dawn il-programmi l-ġodda.

### 3.4.1 Metodi aktar ħfief għall-benefiċjarji

Il-Kummissjoni ser teżamina l-mezzi kollha attwalment possibbli sabiex tħeffef l-ostakoli għall-benefiċjarji, billi tirrispetta r-regoli finanzjarji li jkunu fis-seħħ u l-aktar :

- billi tissimplifika l-formoli u l-metodi ta' sottomissjoni tat-talbiet,

- billi tagħmel il-proċedura ta' l-amministrazzjoni aktar trasparenti u billi ttejjeb l-informazzjoni ta' dawk li qed jagħmlu t-talba,

- billi tapplika l-prinċipju ta' proporzjonalità kemm jista' jkun possibbli, per eżempju, billi tirrikorri għal xi kontribuzzjonijiet żgħar jew għal xi spejjeż li jkunu identifikabbli għal xi sistemi kontrattwali u billi tillimita l-esiġenzi fejn tidħol il-verifika tal-ħiliet finanzjarji ta' l-organizzazzjonijiet benefiċjarji għal xi sussidji żgħar.

### 3.4.2. Mod razzjonalizzat ta' tmexxija

Sabiex jissaħħu l-effikaċità u l-effiċjenza tal-programm, il-Kummissjoni ser tafda t-tmexxija tagħha lil xi aġenzija eżekuttiva, b'applikazzjoni tar-regolament tal-Kunsill li jwassal il-pożizzjoni ta' l-aġenziji eżekuttivi li jkunu nkarigati minn xi biċċiet ta' xogħol relatati ma' l-immaniġġjar tal-programmi komunitarji[18] u xi « Linji ta' direttiva relatati għat-tqegħid u għall-funzjonament ta' aġenziji eżekuttivi finanzjati mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropew. »[19]

## 4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni Ewropea, immexxija mill-ambizzjoni biex toħloq spazju kulturali komuni, li jirrispetta d-diversitajiet nazzjonali u reġjonali, qed tipproponi programm li qed jimmira biex jiżviluppa l-koperazzjoni kulturali transnazzjonali bis-saħħa ta' attivitajiet ta' koperazzjoni kulturali, ta' organizzazzjonijiet Ewropej li huma attivi fil-qasam kulturali, ta' studji u xogħlijiet ta' analiżi kif ukoll ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Għalhekk il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex jaddottaw id-deċiżjoni annessa relatata mal-programm Kultura 2007.

---

18 Regolament Nru 58/2003 tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002, ĠU L 11 tas-16.1.2003.

19 C(2003) 4645 tat-12.12.2003.

2004/0150 (COD)

Abbozz tad-

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jwaqqaf il-programm Kultura 2007 (2007-2013)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikolu tagħha nru. 151, paragrafu 5, l-ewwel linja,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[20],

Wara li kkunsidraw l-Avviż tal-Kumitat tar-Reġjuni[21],

Waqt li jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi :

(1) Huwa essenzjali li l-koperazzjoni u l-iskambji kulturali jkunu protetti sabiex wieħed jirrispetta u jippromwovi d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa u jtejjeb l-għarfien tal-kulturi ta' l-Ewropa li ċ-ċittadini Ewropej għandhom barra minn dak tagħhom stess. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u tad-diversità kulturali tagħti sehemha b'hekk sabiex ikun hemm realtà tanġibbli taċ-ċittadinanza Ewropea billi tinkoraġġixxi parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini Ewropej fil-proċess ta' integrazzjoni.

(2) Il-kultura għandha mnejn tagħti sehemha sabiex ittejjeb l-apparenza esterna ta' l-Unjoni Ewropea billi tagħti valur lid-diversità kulturali u lid-dimensjonijiet komuni tal-kulturi tagħha.

(3) L-adeżjoni sħiħa u l-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini fl-integrazzjoni Ewropea jippresupponu li jkunu magħmula aktar ċari l-valuri u l-għeruq kulturali u komuni tagħhom bħala element prinċipali ta' l-identità tagħhom u tal-fatt li huma parti minn soċjetà bbażata fuq il-ħelsien, l-ugwaljanza, id-demokrazija, it-tolleranza u s-solidarjetà.

(4) Huwa wkoll meħtieġ li wieħed jippromwovi ċittadinanza attiva u li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-esklużjoni taħt il-forom kollha tagħha, inkluż ir-razziżmu u x-xenofobja

(5) L-Artikolu 3 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea jistipula li għall-attivitajiet kollha msemmija f'dan l-Artikolu, il-Komunità tfittex li tħalli barra kull inugwaljanzi u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

---

[20] ĠU C [...] tal-[...], p. [...].
[21] ĠU C [...] tal- [...], p. [...].

(6) Il-programmi kulturali Kaléidoscope, Ariane u Raphaël, imbagħad Kultura 2000, mwaqqfa rispettivament bid-deċiżjonijiet Nru 719/96/KE[22], Nru 2085/97/KE[23], Nru 2228/97/KE[24] u Nru 508/2000/KE[25] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, immarkaw stadji pożittivi fit-twettiq ta' l-attività komunitarja fejn tidħol kultura. B'hekk ittieħdet esperjenza konsiderevoli, l-aktar bis-saħħa ta' l-evalwazzjoni tal-programmi kulturali msemmija. Issa jaqbel li tkun razzjonalizzata u msaħħa l-attività kulturali tal-Komunità billi sserraħ fuq ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet, ir-riżultati tal-konsultazzjoni meħuda mal-partijiet kollha interessati u x-xogħlijiet ta' l-istituzzjonijiet Ewropej. Hemm bżonn għalhekk li jitwaqqaf programm għal dan il-għan.

(7) L-istituzzjonijiet Ewropej għalhekk f'diversi okkażjonijiet iddeċidew bejniethom dwar suġġetti li jmissu l-attività kulturali komunitarja u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni kulturali : b'mod partikolari l-Kunsill fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar pjan ġdid ta' xogħol fejn tidħol koperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-kultura[26]u tad-19 ta' Diċembru 2002 li jwettaq il-pjan ta' xogħol fejn tidħol koperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-kultura[27], il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Settembru 2001 dwar il-koperazzjoni kulturali fl-Unjoni Ewropea[28], tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-twettiq tal-Programm Kultura 2000[29], tat-22 ta' Ottubru 2002 dwar l-importanza u d-dinamiżmu tat-teatru u ta' l-arti ta' l-ispettaklu fl-Ewropa mkabbra[30] kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni fl-Avviż tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2003 dwar it-tul tal-programm Kultura 2000.

(8) Il-Kunsill saħaq fuq il-ħtieġa li jkun adottat mod aktar koerenti fuq livell komunitarju f'dak li għandu x'jaqsam mal-kultura u dwar il-fatt li l-valur miżjud Ewropew hija idea essenzjali u determinanti fil-qafas tal-koperazzjoni Ewropea fejn tidħol kultura, kif ukoll kundizzjoni ġenerali ta' l-attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tal-kultura[31].

(9) Biex l-ispazju kulturali komuni jsir realtà għall-popli ta' l-Ewropa, hu importanti li wieħed jippromwovi l-mobilità transnazzjonali ta' l-atturi tal-kultura, iċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet ta' l-arti u tal-prodotti artistiċi u kulturali kif ukoll li jiffavorixxi d-djalogu u l-iskambji kulturali.

---

22 ĠU L 99 ta' l-20.4.1996, p. 20.
23 ĠU L 291 ta' l-24.10.1997, p. 26.
24 ĠU L 305 tat-8.11.1997, p. 31.
25 ĠU L 63 ta' l-10.3.2000, p. 1.
26 ĠUC 162 tas-6.7.2002, p. 5.
27 ĠU C 13 tat-18.1.2003, p. 5.
28 ĠU C 72 E tal-21.3.2002.
29 ĠU C 293 E tat-28.11.2002, p. 105.
30 ĠU C 300 E tal-11.12.2003, p. 156.
31 Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 u tad-19 ta' Diċembru 2003, diġà msemmija.

(10) F'dan il-kuntest, hemm bżonn li wieħed jippromwovi koperazzjoni mifruxa bejn l-atturi kulturali billi jinkoraġġihom jiffurmaw gruppi ta' koperazzjoni li jħalluhom jiżviluppaw xi attivitajiet flimkien, jġibu għajnuna għal xi azzjonijiet li għandhom aktar għanijiet u li jkollhom tassew valur miżjud Ewropew, jgħinu xi avvenimenti kulturali emblematiċi, jgħinu lil xi organizzazzjonijiet Ewropej ta' koperazzjoni kulturali u li jinkoraġġixxu xogħlijiet ta' analiżi dwar xi temi magħżula ta' interess Ewropew kif ukoll xi attivitajiet ta' ġbir u ta' tixrid ta' informazzjoni fil-qasam tal-koperazzjoni kulturali.

(11) B'applikazzjoni tad-Deċiżjoni li twaqqaf attività komunitarja favur il-wirja tal-« Belt Kapitali Ewropea ta' Kultura »[32], jaqbel li jinġieb finanzjament sinjifikattiv għal din il-wirja li tgawdi minn ċarezza ma' l-Ewropej u li tagħti sehemha sabiex jissaħħaħ is-sentiment li wieħed iħoss ruħu parti minn spazju kulturali komuni. Fil-qafas ta' din il-wirja, l-aċċent għandu jkun fuq il-koperazzjoni kulturali transewropea.

(12) Jaqbel li tinġieb għajnuna għat-tħaddim ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu favur il-koperazzjoni kulturali Ewropea u b'hekk ikollhom ir-rwol ta' « ambaxxaturi » tal-kultura Ewropea, billi jserrħu fuq l-esperjenza meħuda mill-Unjoni Ewropea fil-qafas tad-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 filwaqt li twaqqaf programm ta' attività komunitarja għall-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet li huma attivi fuq livell Ewropew fejn tidħol il-kultura.[33]

(13) Jaqbel ukoll li wieħed isegwi l-azzjoni mibdija mill-Unjoni Ewropea fil-qafas tad-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE diġà imsemmija sabiex wieħed jagħti sehmu biex tkun żgurata protezzjoni Ewropea u internazzjonali bħal monumenti storiċi tas-siti tal-kampijiet ta' konċentrament tan-Nazi.

(14) Sabiex jiżdied il-valur miżjud ta' l-attività komunitarja, jeħtieġ li tkun żgurata l-koerenza u t-tkomplija bejn l-azzjonijiet meħuda fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni u politiki, attivitajiet u metodi komunitarji ġustifikativi, fir-rispett ta' l-Artikolu 151, paragrafu 4, tat-Trattat.

(15) Hemm bżonn li l-programm, b'rispett lejn il-prinċipju tal-libertà ta' l-espressjoni, jagħti sehmu lejn l-isforzi ta' l-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni ta' l-iżvilupp dejjiemi u ta' ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni.

(16) Il-pajjiżi kandidati ta' l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' l-EFTA(Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles) membri tal-ftehim ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) għandhom vokazzjoni magħrufa biex jieħdu sehem fil-programmi komunitarji konformi mal-ftehim li sar ma' dawn il-pajjiżi.

[32] Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li twaqqaf azzjoni komunitarja favur il-wirja « Belt Kapitali Ewropea ta' Kultura » għas-snin 2005 sa l-2019, (ĠU KE L 166 ta' l-1.7.1999).

[33] ĠU L 138 tat-30 ta' April 2004.

(17) Il-Kunsill Ewropew ta' Salonika tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 addotta « l-Aġenda għall-Balkani tal-Punent : biex isir progress fit-triq ta' integrazzjoni Ewropea » waqt li tbassar li l-programmi komunitarji għandhom mnejn ikunu miftuħa għall-pajjiżi fil-proċess ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni fuq bażi ta' qafas ta' ftehim li għandu jkun iffirmat bejn il-Komunità u dawn il-pajjiżi. Dawn il-pajjiżi, jekk ikunu jridu u relattivament mal-kunsiderazzjonijiet tal-baġit jew prioritajiet politiċi, għandhom ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-programm jew jibbenefikaw minn formola ta' koperazzjoni aktar limitata, fuq bażi ta' krediti supplimentari u ta' metodi speċifiċi aċċettabbli bejn il-partijiet konċernati.

(18) Il-programm għandu jkun ukoll miftuħ għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra li jkunu ffirmaw mal-Komunità xi tipi ta' ftehim li jkollhom taqsima kulturali, skond xi metodi definiti.

(19) Huwa tajjeb li jkun imwaqqaf metodu uniku ta' finanzjament u ta' programmar għall-koperazzjoni kulturali, bl-isem « programm Kultura 2007 », għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013.

(20) L-attività komunitarja hi kumplimentarja għall-attivitajiet nazzjonali jew reġjonali meħuda fil-qasam tal-koperazzjoni kulturali. Peress li l-għanijiet ta' l-attività maħsuba (mobilità transnazzjonali ta' l-atturi kulturali fl-Ewropa, ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet ta' l-arti u tal-prodotti kulturali u artistiċi kif ukoll djalogu interkulturali) ma jistgħux jitwettqu biżżejjed mill-iStati Membri minħabba l-karatteristika transnazzjonali tagħhom, u għalhekk jistgħu jitwettqu aħjar fuq livell komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri, konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà mogħti fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità hekk kif imniżżel fl-imsemmi Artikolu, din id-Deċiżjoni ma taqbiżx dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(21) Dwar it-twettiq ta' l-għajnuna komunitarja, jaqbel li tkun ikkunsidrata l-karatteristika speċifika tas-settur kulturali fl-Ewropa u l-aktar li wieħed jara li l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji jkunu simplifikati sakemm dan ikun possibbli, u adattati għall-għanijiet meħuda kif ukoll għall-prattiċi u bidliet tas-settur kulturali.

(22) Jaqbel li fil-qafas ta' kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-iStati Membri, jkun żgurat « follow-up » u evalwazzjoni kontinwi ta' dan il-programm attwali sabiex ikunu jistgħu jsiru aġġustamenti, l-aktar fil-prioritajiet tat-twettiq tal-miżuri. L-evalwazzjoni ser ikun fiha evalwazzjoni esterna mmexxija minn organizzazzjonijiet indipendenti u imparzjali.

(23) Il-miżuri proprji qegħdin biex jitwettqu sabiex jaraw li ma jsirux irregolaritajiet u frodi, jiġbru l-fondi mitlufa, mħallsa jew użati ħażin.

(24) Din id-Deċiżjoni attwali għandha l-għan li twaqqaf, għal matul il-programm kollu, aspett finanzjarju li jifforma r-riferenza favorevoli, kif inhu evidenti fil-punt 33 tal-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-progress tal-proċedura tal-baġit[34]

[34] ĠU C 172 tat-18.6.1999, pġ.1.

(25) Ikun jaqbel li jinżammu l-miżuri meħtieġa għat-twettiq ta' din id-Deċiżjoni attwali konformi mad-deċiżjoni 1999/468/CE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 waqt li jkunu ffissati l-metodi ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi fl-eżekuzzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[35].

(26) Ikun jaqbel li wieħed jaħseb għal xi disposizzjonijiet tranżitorji sabiex tkun żgurata transizzjoni bla tfixkil minn naħa, bejn il-programmi mwaqqfa bid-deċiżjonijiet Nri 508/2000/KE jew 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u min-naħa l-oħra, il-programm imwaqqaf b'din id-Deċiżjoni attwali,

IDDEĊIDEW:

*L-ewwel Artikolu*

**Twaqqif tal-programm u tul ta' żmien**

1. Din id-Deċiżjoni attwali twaqqaf il-programm Kultura 2007, programm pluriannwali uniku għall-attivitajiet komunitarji fil-qasam tal-kultura, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm".

2. Il-programm jitwettaq għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2007 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 2*

**Aspett finanzjarju tal-programm**

1. L-aspett finanzjarju għat-twettiq ta' dan il-programm attwali, għall-perjodu mmirat fl-ewwel Artikolu, ġie stabbilit għal 408 miljuni euros.

2. Il-krediti annwali huma awtorizzati mill-Awtorità tal-baġit fil-miżuri tal-perspettivi finanzjarji.

[35] ĠU L 184 tas-17.7.1999, pġ.23.

*Artikolu 3*

**Għanijiet tal-programm**

1. L-għan ġenerali tal-programm hu li jagħti sehem fil-valur ta' spazju kulturali komuni lill-Ewropej bl-iżvilupp tal-koperazzjoni kulturali bejn il-produtturi, l-atturi kulturali u l-istituzzjonijiet kulturali tal-pajjiżi li jkunu qed jieħdu sehem fil-programm, sabiex jiffavorixxu d-dehra ta' ċittadinanza Ewropea.

2. L-għanijiet speċifiċi tal-programm huma :

   (a) li jippromwovi l-mobilità transnazzjonali tal-persuni li jkunu qed jaħdmu fis-settur kulturali ;

   (b) li jinkoraġixxi ċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet ta' l-arti u tal-prodotti artistiċi u kulturali ;

   (c) li jiffavorixxi d-djalogu interkulturali.

*Artikolu 4*

**Linji ta' attività tal-programm**

1. L-għanijiet tal-programm jitfasslu billi jitwettqu dawn l-attivitajiet li ġejjin, hekk kif deskritti fl-Anness :

   (a) Għajnuna għal xi attivitajiet kulturali

   - Gruppi diversi ta' koperazzjoni
   - L-attivitajiet ta' koperazzjoni
   - L-attivitajiet speċjali

   (b) Għajnuna lil xi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam kulturali kif ukoll għal xi attivitajiet li għandhom il-għan li jipproteġu u jfakkru s-siti u l-arkivji ewlenin li jkollhom rabta ma' dawn l-eżilji politiċi li jissimbolizzaw il-memorjali mtella' fuq is-siti ta' dawn il-kampijiet tal-passat u postijiet oħra ta' martirju u ta' qtil ta' ħafna nies ċivili kif ukoll sabiex tinżamm it-tifkira tal-vittmi fuq dawn is-siti.

   (c) Għajnuna għal xi xogħlijiet ta' analiżi kif ukoll għall-ġbir u t-tixrid ta' l-informazzjoni fil-qasam tal-koperazzjoni kulturali

2. Dawn l-attivitajiet isiru konformi mad-disposizzjonijiet li jidhru fl-Anness.

*Artikolu5*

**Disposizzjonijiet dwar il-pajjiżi terzi**

1. Il-programm hu miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li ġejjin :

– il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri taż-ŻEE, konformi mad-disposizzjonijiet tal-ftehim ŻEE ;

– il-pajjiżi kandidati li jkunu qed jibbenefikaw minn strateġija ta' pre-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea, konformi mal-prinċipji ġenerali u mal-kundizzjonijet u l-metodi ġenerali ta' parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-programmi komunitarji mwaqqfa rispettivament fil-qafas ta' ftehim u fid-Deċiżjonijet tal-Kunsilli ta' assoċjazzjoni ;

– il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent skond il-metodi definiti ma' dawn il-pajjiżi wara li jitwaqqaf il-qafas ta' ftehim dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi komunitarji.

Il-pajjiżi msemmija f'dan il-paragrafu attwali, b'riżerva li l-kundizzjonijiet mitluba jkunu sodisfatti u permezz tal-pagament ta' krediti supplimentari, jieħdu sehem bi sħiħ fil-programm.

2. Il-programm hu wkoll miftuħ għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra li jkunu temmew mal-Komunità Ewropea xi xorta ta' ftehim ta' assoċjazzjoni jew ta' koperazzjoni li jinkludu klawżoli kulturali, fuq il-bażi ta' krediti supplimentari u ta' metodi speċifiċi li fuqhom isir qbil.

– Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent imsemmija f'paragrafu 1 li għandhom mnejn ma jkunux jixtiequ jibbenefikaw minn parteċipazzjoni sħiħa fil-programm, jistgħu jibbenefikaw minn koperazzjoni mal-programm bil-kundizzjonijiet previsti f'dan il-paragrafu attwali.

*Artikolu 6*

**Koperazzjoni ma' l-organizazzjonijiet internazzjonali**

Il-programm jippermetti l-koperazzjoni ma' organizazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, bħall-Unesco jew il-Kunsill ta' l-Ewropa, fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet indaqs u billi jkunu rispettati r-regoli speċifiċi ta' kull istituzzjoni jew organizazzjoni għat-twettiq ta' l-azzjonijiet previsti fl-Artikolu 4.

*Artikolu 7*

**Tkomplija b'metodi oħra ta' attività komunitarja**

Il-Kummissjoni tiżgura l-artikulazzjoni bejn il-programm u miżuri oħra komunitarji, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, il-formazzjoni professjonali, iż-żgħożija, l-isport, il-lingwi, l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet u r-riċerka.

*Artikolu 8*

**Twettiq**

1. Il-Kummissjoni tiżgura t-twettiq ta' l-attivitajiet komunitarji li jgħaddu minn dan il-programm attwali, konformi ma' l-Anness.

2. Il-miżuri li ġejjin huma mwaqqfa b'konformità mal-proċedura ta' tmexxija msemmija fl-Artikolu 9, paragrafu 2 :

   (a) il-pjan ta' xogħol annwali, inkluż il-prijoritajiet, kif ukoll il-kriterji u l-proċeduri ta' għażla ;

   (b) il-baġit annwali u t-tqassim ta' fondi bejn l-attivitajiet differenti tal-programm ;

   (ċ) il-miżuri ta' « follow-up » u ta' evalwazzjoni tal-programm.

3. Il-miżuri l-oħra kollha meħtieġa għat-twettiq ta' din id-Deċiżjoni attwali jittieħdu b'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9, paragrafu 3.

*Artikolu 9*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni hi megħjuna minn kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' l-iStati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Fil-każ fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu attwali, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE japplikaw, b'rispett tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perjodu previst fl-Artikolu 4, paragrafu 3, tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hu deċiż għal xahrejn.

3. Fil-każ fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu attwali, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE japplikaw, b'rispett tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-kumitat jadotta l-iStatut tiegħu.

*Artikolu 10*

**Punti ta' Kuntatt tal-Kultura**

1. Il-punti ta' kuntatt tal-kultura, hekk kif definiti fil-punt I.3.3 ta' l-Anness, jaħdmu fil-kwalifika ta' organi ta' twettiq għat-tixrid ta' informazzjoni dwar il-programm fuq livell nazzjonali, b'rispett ta' l-Artikolu 54, paragrafu 2, punt c) u paragrafu 3, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

2. Il-punti ta' kuntatt tal-kultura għandhom jirrispettaw dawn il-kriterji li ġejjin :

– jagħmlu użu ta' persunal biżżejjed u billi jgħaqqdu xi kwalifiki professjonali relatati mal-missjonijiet tagħhom u xi kwalifiki lingwistiċi adattati għax-xogħol f'ambjent ta' koperazzjoni internazzjonali ;

– jagħmlu użu minn infrastrutturi adattati, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħmir ta' l-informatika u l-mezzi ta' komunikazzjoni ;

– jaħdmu f'kuntest amministrattiv li jħallihom iwettqu x-xogħlijiet tagħhom b'mod favorevoli u jevitaw kull konflitt ta' interess.

*Artikolu 11*

**Disposizzjonijiet finanzjarji**

1. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 176, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi relattivament mal-karatteristika tal-benefiċjarji u man-natura ta' l-attivitajiet, jekk ikun hemm bżonn, li dawn imsemmija jkunu eżentati mill-verifika tal-ħiliet u tal-kwalifiki professjonali mitluba biex jitmexxew tajjeb l-attività jew il-programm ta' xogħol.

2. L-għajnuniet finanzjarji ser jieħdu l-forma ta' sussidji lil xi intrapriżi. Boroż ser ikunu jistgħu jingħataw f'xi każijiet lil xi individwi b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 114, paragrafu 1, tar-Regolament finanzjarju Nru 1605/2002 tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħti xi premjijiet lil xi individwi jew xi intrapriżi għal xi attivitajiet jew proġetti mwettqa fil-qafas tal-programm. Konformi ma' l-Artikolu 181 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tal-Kummissjoni, u skond in-natura ta' l-attività, xi finanzjamenti kontrattwali u/jew l-applikazzjoni ta' skedi ta' spejjeż unitarji jistgħu jkunu awtorizzati.

3. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 168, paragrafu 1, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tal-Kummissjoni, xi attivitajiet puntwali tal-Bliet Kapitali Ewropej ta' Kultura imsemmija fid-Deċiżjoni 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-25 ta' Mejju 1999 li jwaqqaf attività komunitarja favur il-wirja « Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura » għas-snin 2005 sa 2019, jistgħu jirċievu sussidju.

*Artikolu 12*

**Sehem il-programm f'politiki komunitarji oħra**

Il-programm jagħti s-sehem għat-tisħiħ tal-politiki transversali tal-Komunità Ewropea, l-aktar :

(a) billi jippromwovi l-prinċipju fondamentali tal-libertà ta' l-espressjoni ;

(b) billi jinkoraġġixxi l-għarfien relatat ma' l-importanza li wieħed jagħti sehem fl-iżvilupp dejjiemi ;

(c) billi jagħti sehem sabiex jelimina kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew konvinzjonijiet, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Il-koerenza u t-tkomplija bejn il-programm u l-politiki komunitarji fil-qasam tal-koperazzjoni kulturali mal-pajjiżi terzi ser ikunu taħt attenzjoni partikulari.

*Artikolu 13*

**« Follow-up » u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tiżgura « follow-up » regolari tal-programm. Ir-riżultati tal-proċess tal-« follow-up » u ta' l-evalwazzjoni jkunu kkunsidrati meta jitwettaq il-programm.

   Dan il-« follow-up » fih b'mod partikolari t-twaqqif tar-rapporti msemmija f'paragrafu 3, punti a) u c).

   L-għanijiet speċifiċi ser ikunu riveduti jekk ikun hemm bżonn wara li r-riżultati tar-rapporti tal-« follow-up » ikunu preżentati.

2. Il-Kummissjoni tiżgura evalwazzjoni regolari, esterna u indipendenti tal-programm.

3. Il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsil, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni :

   (a) rapport intermedjarju ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati miġjuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tat-twettiq tal-programm attwali mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 ;

   (b) Komunikat dwar il-kontinwità ta' dan il-programm attwali mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011 ;

   (c) rapport ta' evalwazzjoni ex post mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 14*

**Disposizzjonijiet tranżitorji**

L-attivitajiett mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 508/2000/KE jew Nru 792/2004/KE jibqgħu amministrati konformi mad-disposizzjonijiet ta' dawn id-deċiżjonijiet sakemm jagħlqu.

Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE jinbidel mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni attwali.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussel, fi […]

*Mill-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS

## I. DESKRIZZJONI TA' L-ATTIVITAJIET U L-AVVENIMENTI

### 1. L-EWWEL TAQSIMA : GĦAJNUNA GĦAL XI ATTIVITAJIET KULTURALI

### 1.1. Il-Gruppi diversi ta' koperazzjoni

Il-programm jgħin lil xi gruppi diversi ta' koperazzjoni kulturali li jkunu dejjiema u strutturati bejn operaturi kulturali Ewropej. Din l-għajnuna għandha l-għan li tgħin lil dawn il-gruppi fil-fażi tagħhom ta' bidu u strutturazzjoni jew fil-fażi tagħhom ta' estensjoni ġeografika. Huwa ta' min iħeġġiġhom biex jistabilixxu ruħhom fuq bażijiet dejjiema u jilħqu l-awtonomija finanzjarja tagħhom .

Kull grupp divers għandu jkun iffurmat mill-inqas minn 6 operaturi minn 6 pajjiżi differenti li jkunu qed jieħdu sehem fil-programm u jista' jgħaqqad xi operaturi ta' wieħed jew bosta setturi minn diversi attivitajiet jew proġetti pluriannwali, ta' natura settorjali jew transettorjali, imma li jkunu qed isegwu għan komuni.

Kull grupp għandu l-għan li jara jitwettqu ħafna attivitajiet kulturali, strutturali u pluriannwali. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu mwettqa matul il-perjodu kollu tal-finanzjament komunitarju. Għandhom ikollhom x'jaqsmu ma' mill-inqas tnejn mit-tliet għanijiet speċifiċi murija fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni attwali. Prijorità tingħata lill-gruppi li fi ħsiebhom jiżviluppaw attivitajiet li jikkorrispondu mat-tliet għanijiet speċifiċi ta' l-imsemmi Artikolu.

Il-gruppi jiġu magħżulin wara sejħiet għal proposti, waqt li jiġi rrispettat ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002[36] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-« regolament finanzjarju ») u l-miżuri ta' twettiq tiegħu. F'dan il-qafas, l-għażla ser issir ukoll għab-bażi tal-mod espert u rikonoxxut tal-ko-organizzaturi fil-qasam tagħhom ta' attività, tal-ħila finanzjarja u operazzjonali ta' dawn ta' l-aħħar li jwasslu fi tmiem l-attivitajiet proposti, kif ukoll tal-kwalità ta' dawn l-attivitajiet u ta' l-ekwivalenza tagħhom ma' l-għan ewlieni u l-għanijiet speċifiċi tal-programm, hekk kif inhuma murija fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Il-gruppi għandhom jiġu mwaqqfa fuq ftehim ta' koperazzjoni, jiġifieri fuq dokument komuni li jkollu forma ġuridika f'wieħed mill-pajjiżi parteċipanti u ffirmat mill-ko-organizzaturi kollha.

L-għajnuna komunitarja ma tistax teċċedi 50% tal-baġit tal-proġett u dejjem titnaqqas. Ma tistax tkun aktar minn 500.000 euros kull sena. Din l-għajnuna tkun użata għal perjodu ta' 5 snin.

Bħala indikazzjoni, madwar 36% tal-baġit kollu allokat għall-programm huma miżmuma għal din ix-xorta ta' għajnuna.

---

[36] ĠU L 248 tas-16.9.2002, p.1.

## 1.2. L- attivitajiet ta' koperazzjoni

Il-programm jgħin lil xi attivitajiet ta' koperazzjoni kulturali u ta' natura settorjali jew transettorjali bejn operaturi Ewropej. Hemm spazju kbir mogħti lill-kreattività u l-innovazzjoni. L-attivitajiet li jkunu fi ħsiebhom jesploraw linji ta' koperazzjoni sabiex jiżviluppawhom fuq perjodu itwal ser ikunu nkoraġġuti b'mod partikulari.

